**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 440/12**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**Simon (Simon-Peter) Kind**
**(I.D. 388477 (M))**

**Illum: 8 ta' Frar 2021**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat **Simon (Simon-Peter) Kind** ta' 34 sena, iben Carmelo u Annie nee` Polidano, imwieled il-Pieta` fis-6 ta' Awwissu 1977, residenti ġewwa Nru. 146, Triq Birżebbuġia, Birżebbuġia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 388477(M) jinsab akkużat:

Talli f'dawn il-Gżejjer, fis-17 ta' Frar 2012 u matul ix-xahar ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u speċifikata (*amphetamine*) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2) Ittraffika, biegħ jew qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam il-mediċina psikotropika u speċifikata (*amphetamine*) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-

Professjonijiet li għandhom x'jaqmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, fis-sentejn ta' qabel is-17 ta' Frar 2012:

3) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fis-seduta tat-30 ta' April 2019, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u tressaq il-

provi sabiex turi li r-rekwiżiti meħtiega ai termini ta’ l-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti;[1]

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum li permezz tiegħu laqgħet din l-aħħar talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija;

Rat ukoll id-digriet tagħha tat-9 ta’ Lulju 2019, li permezz tiegħu, fuq talba tad-difiża, ħatret lill-espert il-Psikologa Forensika Dr. Roberta Holland sabiex tirrelata lill-Qorti bil-miktub dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga amfetamina u kokaina fiż-żmien tal-każ odjern u ċioe` fis-17 ta’ Frar 2012 u fix-xahar ta’ qabel din id-data;[2]

Rat ukoll ir-relazzjoni ppreżentata minn Dr. Roberta Holland fis-seduta tal-4 ta’ Marzu 2020[3], kif ukoll ix-xhieda tagħha tal-istess jum;[4]

Rat ukoll l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-partijiet jiddikjaraw li qed jirrimettu ruħhom għall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Illi f’dan il-każ, kif ingħad, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reati ta’ traffikar u pussess aggravat tad-droga amfetamina, kif ukoll bil-pussess u t-traffikar tad-droga kokaina b’referenza għall-jum tas-17 ta’ Frar 2012 u x-xahar ta’ qabel din id-data u dan wara li skont it-teżi tal-Prosekuzzjoni, l-imputat ġie mwaqqaf fuq skorta ta’ mandat ta’ tfittxija u arrest u waqt tfittxija fir-residenza tiegħu nstabet, fost affarijiet oħrajn, borża li fiha kien hemm sustanza ta’ lewn abjad.

Illi in sostenn tat-talba tagħha u b’mod partikolari għal dak li jiddisponi l-Artikolu 8(2) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta’ Malta, id-difiża ma ressqet l-ebda prova iżda sempliċiment talbet lil din il-Qorti sabiex taħtar espert bil-għan illi jiġi determinat jekk fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kienx dipendenti fuq l-amfetamina u fuq il-kokaina.

Mir-relazzjoni tal-espert nominat minn din il-Qorti ossia l-Psikologa Forensika Dr. Roberta Holland, jirriżulta illi wara li hija assessjat lill-imputat bil-mod spjegat minnha fl-istess relazzjoni tagħha, hija tgħid hekk:

---

[1] Ara a fol. 181 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 182 tal-proċess.
[3] Din tinsab esebita a fol. 190 sa 206 tal-proċess.
[4] A fol. 186 sa 189 tal-proċess.

"*Meta kien amministrat l-SCID-5-CV, dan kien uzat speċifikament biex jesplora l-użu tad-droga abbażi tad-DSM-5. Id-DSM-5 isemmi għaxar klassijiet ta' sustanzi fejn waħda minn dawn huma l-istimulanti li jinkludu l-amfetamini u sustanzi simili, il-kokaina, u stimulanti oħra (DSM-5, pg. 482).*

*Fil-każ ta' l-imputat, il-perjodu li kien identifikat bħala validu għall-evalwazzjoni kien dak tas-17 ta' Frar 2012 u x-xahar ta' qabel.*

*Mill-istorja li ta l-imputat, u l-osservazzjonijiet kliniċi, jidher li l-imputat ma mmarka fl-ebda kriterju.*

...

*Rigward użu tad-droga, huwa stess innega li qatt kellu xi diffikulta` b'sustanzi illeċiti jew li qatt kien dipendenti minn tali sustanzi. Mill-istorja, ma jidhirx li huwa qatt kien jabbuża minn tali sustanzi għal xi perjodu sinifikanti, jew li dawn kellhom xi impatt fuq il-bqija ta' ħajtu.*"[5]

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, l-espert Dr. Roberta Holland ikkonkudiet bil-mod segwenti dwar l-imputat:

"*Mill-analiżi kollha li saret, u meta wieħed jikkunsidra kemm l-informazzjoni li ipprovda l-imputat waqt l-intervista klinika, u anke mill-assessjar strutturat, wieħed jikkonkludi li <u>l-imputat ma kienx dipendenti mid-droga kokaina, amfetamina, jew stimulanti oħra fiż-żmien tal-każ odjern</u>. M'hemmx indikazzjoni li huwa qatt kellu tali dipendenza f'xi żminijiet oħra. Fiż-żmien tal-każ, kien qiegħed jagħmel użu b'mod ikkontrollat minn sustanza li skond hu kienet għal skopijiet ta' titjib fil-prestazzjoni tal-isport li kien parti mill-istil ta' ħajja tiegħu. Ammetta li qabel ġieli kien għamel użu rari mill-kokaina, iżda ma jidhirx li tali użu qatt kien problematiku. Ma jidhirx li qatt kellu nuqqas ta' kontroll fl-użu ta' sustanzi, jew diffikultajiet fil-qasam soċjali, dak psikoloġiku, jew dak farmakoloġiku, b'riżultat ta' użu minn sustanzi.*"[6] (enfasi miżjuda)

Għalhekk, fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-espert Dr. Roberta Holland, ma jirriżultax ippruvat illi fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kien dipendenti fuq l-amfetamina jew il-kokaina u għaldaqstant, ir-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 537 ma jirriżultawx.

---

[5] Ara a fol. 201 u 202 tal-proċess.
[6] A fol. 202 u 203 tal-proċess.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiċħad it-talba tad-difiża sabiex tassumi l-funzjoni ta’ Qorti dwar id-Droga u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni.

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**